***- KOLLIZJONI -***
***- SORPASS –***
***- DANNI JRIDU JIGU PPRUVATI -***

# FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 22 ta' Jannar 2002.**

**Kawza Numru 15**
**Citazzjoni Numru 882/1997/RCP**

**Alfred Delia.**

**vs**

**Robert Magro.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI

Rat ic-citazzjoni fejn s-socjeta` attrici ppremettiet :-

Illi waqt li l-attur kien qieghed isuq il-vettura tieghu tal-marka Mazda numru H – 1026 fl-Industrial Estate, San Gwann fil-11 ta' Lulju 1996, huwa safa involut

f'incident awtomobilistiku ma' vettura ohra tal-marka Skoda li ggib in-numru 0 – 4522 misjuqa mill-konvenut.

Illi b'risultat ta' dan l-incident, l-attur sofra danni fizici u personali, oltre danni fil-vettura tieghu.

Illi peress li dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, negligenza u non-curanza u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu.

Illi meta l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas huwa baqa' inadempjenti u qieghed jirrifjuta li jaccetta r-responsabilita` ghall-istess.

Illi l-istess attur nomine talab li l-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi din il-kollizjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu, okkorendo bl-opera ta' periti nominandi u tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-persuna tieghu, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni, skond kif intqal u ghar-ragunijiet premessi.

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-istess citazzjoni kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut u tal-konsult ammontanti ghall-Lm10 kontra l-konvenut li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-istess attur a fol. 3 u 4 tal-process u d-dokumenti esebiti a fol. 5 sa 7 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 1998.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut a fol. 12A tal-process fejn ecceppixxa:-

(1) Illi huwa ma kien responsabbli bl-ebda mod ghall-incident tat-traffiku li sehh bejn il-kontendenti fil-11 ta' Lulju 1996 waqt li huwa kien qed isuq il-vettura numru 0 – 4522.

(2) Illi stante li huwa ma kienx responsabbli ghal dan l-incident l-ebda ammont ma huwa dovut in linea ta' danni, liema danni f'kwalunkwe kaz huma ezagerati billi l-attur ma sofra l-ebda korriment f'dan l-incident u

l-hsara fil-vettura tieghu kienet ta' natura insinifikanti, u kienet tammonta biss ghall-Lm57.00,0.

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u lista ta' xhieda tal-konvenut a fol. 12A u 13 tal-process fejn l-konvenut sostna li huwa ma kienx jahti ghall-istess incident peress li l-incident sehh meta l-attur f'daqqa wahda u minghajr ebda pre avviz dar fuq il-lemin tieghu bir-rizultat li huwa habat mal-vettura tal-konvenut li dak il-hin kienet qed tittanta sorpass.

Rat l-affidavit tal-attur u ta' Vanessa Delia tal-20 ta' Awissu 1998 a fol. 17 tal-process; ta' Robert Magro tat-22 ta' Ottubru 1998 a fol 21 tal-process; ix-xhieda ta' P.S. 833 Francis Seychell tal-11 ta' Jannar 1999.

Rat l-verbal tas-seduti tal-11 ta' Jannar 1999, u tal-21 ta' Mejju 1999.

Rat in-nota tal-attur a fol. 36 tal-process fejn qed isostni li apparti l-ammont ta' Lm200.26 bhala medicinali u spejjez ta' tobba huwa qed jitlob is-somma ta' Lm2,160 rappresentanti Lm90 fil-gimgha ghal telf ta' xoghol ghal perjodu ta' sitt (6) xhur, tul liema perjodu l-attur ma setghax allegatament jahdem, b'rizultat tal-incident tat-traffiku mertu tal-kawza odjerna.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Gunju 1999 u ix-xhieda tal-attur tal-istess data.

Rat il-verbal tas-seduti tal-1 ta' Marzu 2000, 8 ta' Mejju 2000, 9 ta' Ottubru 2000, 16 ta' Novembru 2000, 13 ta' Marzu 2001, u 30 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-ahhar darba sabiex jinghalqu l-provi attrici fit-30 ta' Mejju 2001.

Rat il-verbal tat-30 ta' Mejju 2001 fejn il-kawza thalliet ghall-ahhar darba ghat-23 ta' Ottubru 2001 ghal gheluq tal-provi attrici.

Rat il-verbal tat-23 ta' Ottubru 2001 fejn il-konvenut baqa' ma deherx l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghat-22 ta' Jannar 2002.

Rat d-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kollizjoni li grat fl-Industrial Estate ta' San Gwann, bejn karozza Reg. No. – 0 –4522 misjuqa mill-attur u l-karozza Reg. No. H – 1026 misjuqa mill-konvenut.

Illi d-dinamika tal-incident giet spjegata b'dan il-mod mill-okkorenza mhejjija minn P.S. 833 Francis Seychell esebita a fol. 29 tal-process:-

*"Il-vettura 0- 4522 garbet hsarat fuq il-fanal u mudguard, u bumper ta' quddiem tal-lemin, waqt li H – 1026 garbet hsarat fuq il-bieba ta' quddiem in-naha tal-lemin.*

*Ix-xuffiera stqarru li waqt li kienu sejrin ghad-direzzjoni ta' San Gwann, 0 – 4522 li kien ser jikser go triq fuq il-lemin tieghu, waqt li H – 1026 kien qabez karozza u sab li 0 – 4522 qed idur u habtu".*

Illi min-naha fir-Road Accident Report jinghad mill-istess Surgent proprju il-kuntrarju. Fil-fatt fl-istess rapport hemm indikat is-segwenti:-

*"Both vehicles were proceeding towards San Gwann. Van H – 1026 was going to turn right. Car 0 – 4522 overtook another car which was between them and dashed in the above mentioned car".*

Illi jidher car li kif jidher ukoll mill-iskizz a fol. 7 u 31 tal-process, li fil-fatt kien l-attur li kien qed isuq il-vettura Reg. No. H – 1026, u li ghalhekk kien huwa li kien qieghed fuq quddiem bl-intenzjoni li ried idur fuq il-lemin tieghu, mentri l-konvenut kien qed isuq il-

vettura Reg. 0 – 4522 li kienet ghaddejja warajh, pero` b'karozza bejniethom, u f'hin minnhom il-konvenut qabez l-istess karozza u kif ghamel hekk sab lill-attur ma wiccu ser idur fuq il-lemin tieghu.

Illi fil-fatt jirrizulta li l-karozza tal-attur kellha hsara minima kif jirrizulta mir-ritratt tal-istess vettura esebit mill-konvenut a fol. 33 tal-process bhala Dok. "LB", u dan ir-ritratt jelimina kull dubju li l-karozza tal-attur kienet fil-fatt registrata bin-numru H – 1026.

Illi rigwardanti provi tal-incident kull ma hemm hija biss ix-xhieda tal-attur innifsu fl-affidavit tieghu tal-20 ta' Awissu 1998, li sostna li kien ghaddej mit-triq principali ta' San Gwann li taghti ghall-fabbriki, u ried jidhol fi triq fuq il-lemin tieghu sabiex iwassal lill-bintu ghax-xoghol; warajh kellu karozza ohra, u huwa xeghel l-*indicators* tal-lemin ghalinqas minn tmenin (80) jarda il-boghod sabiex idur proprju fuq dik in-naha, mentri il-karozza ta' warajh indikat li ser idur fuq in-naha opposta fuq ix-xellug tieghu.

Illi meta kienu qed isiru dawn il-manuvri, l-konvenut qabez il-karozza ta' quddiemu u sab lill-attur quddiemu, u ghalhekk saret il-habta, kif indikat fl-istess skizz. Illi bintu Vanessa Delia kkonfermat din il-versjoni tal-attur.

Illi min-naha l-ohra l-konvenut ma tax ix-xhieda tieghu u ghalhekk u in verita` din il-Qorti ghandha biss versjoni wahda tal-istess incident, u ghalhekk f'kazijiet normali, l-konsegwenza naturali tal-istess hija li din il-Qorti, minhabba nuqqas ta' provi *da parte* tal-konvenut, ma ghandhiex triq ohra hlief li taccetta l-versjoni tal-attur ta' kif graw il-fatti li taw lok ghall-istess incident.

Illi pero` jigi nnutat ukoll li l-konvenut fid-dikjarazzjoni tieghu sostna li l-incident gara minhabba li l-attur dar f'daqqa u minghajr pre-avviz fuq il-lemin tieghu u b'hekk habat mal-konvenut li dak il-hin kien qed jaghmel sorpass.

Illi ghalhekk minhabba dan din il-Qorti xorta ser taghmel ezami taz-zewg versjonijiet tal-partijiet fil-kawza, u huwa ovvju li f'kaz ta' zewg versjonijiet li huma differenti minn xulxin, il-Qorti trid timxi fuq dak li huwa verosimili fic-cirkostanzi tal-kaz, stante li l-verosimiljanza hija wkoll forma ta' korroborazzjoni.

Illi mid-dinamika tal-incident jidher li l-istess konvenut kien qed jittenta jaghmel sorpass fit-triq principali f'San Gwann li taghti ghall-fabbriki fil-punt fejn hemm inkroccju u dan fih innifsu huwa gja perikoluz tant li l-paragrafu 74 tal-**Highway Code** jipprovdi li:-

*"DO NOT OVERTAKE at or when approaching:*

(i) *a pedestrian crossing.*
(ii) *a road junction.*
(iii) *a sharp corner or bend.*
(iv) *the brow of a hill.*
(v) *a hidden dip.*

Illi din ir-regola hija komplimentari mar-regola numru 71 tal-istess **Highway Code** li tghid li:-

*"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to others. Be specially careful at dusk and in the mist, when it is more difficult to judge speed and distance".*

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-konvenut ghazel li jaghmel sorpass meta kellu zewg karozzi quddiemu, u kif il-karozza ta' quddiemu indikat li ser taghmel *left turning* huwa ddecieda li jaghmel is-sorpass bil-konsegwenza li habat mal-karozza ta' quddiemu li kienet ser taghmel jew kienet qed isuq lejn il-lemin taghha, u dan is-sorpass sar proprju fl-inkroccju tal-istess triq ma ohrajn jaghtu ghall-fabbriki fl-istess *estate* industrijali ta' dawk l-inhawi.

Illi mela allura isegwi li l-konvenut kien traskurat fuq almenu zewg punti u cjoe` li fl-ewwel lok ghazel li jaghmel sorpass f'punt hdejn inkoccju li huwa post fih

innifsu perikoluz li ssir tali manuvra, tant li hija ghal kollox inkonsiljabbli, u fit-tieni lok huwa ittenta jaghmel sorpass meta kellu almenu zewg karozzi quddiemu, li wahda minnhom kien jaf li ser iddur lejn ix-xellug, mentri dwar it-tieni karozza, dik tal-attur, il-konvenut ma kienx jaf fejn sejra, probabilment ghaliex ma setghax jara il-manuvri taghha. Allura isegwi li l-istess konvenut ghamel il-manuvra ta' sorpass meta din ma setghatx issir b'sikurezza. **("Il-Pulizija vs Manuel Mallia"** – Vol. XLIII.).

Illi apparti dan jidher li l-konvenut halla *brake marks* ta' 14.04 metri li jindikaw *speed* esagerat ta' cirka 60 sa 70 kilometru fis-siegha, u ghalhekk certament li is-sewqan tal-istess konvenut jista' jissejjah kollox minbarra  prudenti jew kawt, u certament jirrizulta li s-sewqan da parte tal-konvenut kien il-kawza prossima tal-istess incident.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti u minn dak li jirrizulta u li hu verosimili ghall-kaz *de quo* jirrizulta li l-konvenut li kien qed jaghmel sorpass ma hax il-prekawzjonijiet necessarji sabiex jaghmel din il-manuvra minghajr ma jkun ta' perikolu ghall-utenti l-ohra tat-triq bil-konsegwenza li pogga ruhu f'"*self inflicted incapacity"* b'mod li meta nduna li kien ser jikkawza skontru mal-karozza tal-attur li kienet qed iddur fuq il-lemin taghha, wara li indikat tempestivament li sejra taghmel dan, huwa kien impossibilitat li jagixxi, u baqa' diehel fl-

istess karozza u kien il-kawza prossima ta’ l-incident *de quo*. **(“Atlas Insurance Agency Limited vs Brian Cilia” –** P.A. (R.C.P.) 16 ta’ Jannar 2001).

Illi ghalhekk it-talbiet attrici inkwantu jirrigwardaw ir-responsabilita` tal-incident ghandhom jigu milqugha, filwaqt li l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi u fil-fatt qed tigi michuda.

## III. LIKWIDAZZJONI TA’ DANNI.

Illi kif jidher mir-ritratt esebit mill-konvenut dwar il-hsara sofferta fil-karozza tal-attur a fol. 33 tal-process, id-danni hemm ikkagunati kienu minimi u ta’ entita` zghira, u ghalkemm l-attur ma esebixxa l-ebda ricevuti f’dan ir-rigward, jidher li l-konvenut tramite l-affidavit tax-xhud minnu prodott Dr. Louis Bianchi, li l-hsara fil-vettura tal-konvenut kienet tammonta ghall-Lm60 biss, li skond l-istess affidavit tat-22 ta’ Ottubru 1998, is-socjeta` assiguratrici tal-konvenut kienet disposta li thallas lill-attur bla pregudizzju, u ghalhekk fil-kuntest ta’ dawn il-provi din il-Qorti qed tillikwida l-ammont ta’ Lm60, bhala l-ammont ta’ danni sofferti direttament fil-karozza tal-attur.

Illi minbarra dan jidher li l-istess konvenut qed jippretendi li jithallas l-ammont ta’ Lm200.26 rappresentanti medicinali u spejjez ta’ tobba li huwa

qed jallega li inkorra minhabba ugiegh kbir f'dahru li kkawzalu *'severe acute cervical and thoracic spine injury"* u dan kif skond huwa ccertifikat mit-tabib Dr. Alec Sultana, u li b'konsegenza ta' dan huwa ghamel sitt (6) xhur nieqes mix-xoghol bhala stampatur, u ghalhekk ikkalkula is-somma ta' Lm90 fil-gimgha ghall-istess perjodu (affidavit a fol. 16; nota tal-21 ta' Mejju 1999 – fol. 36; xhieda tat-28 ta' Gunju 1999).

Illi in sostenn tal-istess, l-istess attur esebixxa dikjarazzjoni tal-ispizjar immarkata bhala Dok. "FGC1" a fol. 45 tal-process, li pero` ghalkemm allegatament iffirmata mill-istess spizjar ta' Spizerija San Gaetano, Hamrun, illi pero` fl-opinjoni ta' din il-Qorti, din ma tikkostitwiex l-ahjar prova dwar ix-xiri tal-istess medicini, stante li fl-ewwel lok tali lista ma gietx ikkonfermata bil-gurament mill-persuna li irredigieta, u fit-tieni lok ma gewx esebiti ir-ricevuti relattivi ghall-istess xiri ta' medicina u wkoll d-drittijiet imhallsa lit-tabib kuranti, u dan apparti li ma hemm xejn x'jindika fl-istess dokumenti li l-istess medicini inhadu mill-attur sabiex jikkuraw xi malinn li sofra l-istess attur kawza tal-istess incident.

Illi l-istess jista' jinghad ghat-talba tal-attur li huwa sofra *"cervical and thoracic spine injury"* kawza tal-istess incident, ghaliex ghalkemm hemm diversi certifikati medici esebiti minn fol. 47 sa fol. 57 tal-process, apparti l-fatt li tali certifikati jidhru li jibdew

mid-data tal-11 ta' Lulju 1996, (id-data tal-istess incident *de quo)* u jibqghu sejrin biss sat-3 ta' Ottubru 1996, minn imkien mill-istess certifikati ma jidher li l-istess hsara fil-persuna tal-attur grat proprju minhabba tali incident illum in ezami, u dan apparti li l-ebda wiehed mic-certifikati ma gie kkonfermat bil-gurament mill-istess tabib kuranti tal-attur.

Illi ma dan jizdied il-fatt li ghalhekk jidher li hemm certifikati medici li jkopru biss tlett (3) xhur mis-sitt (6) xhur reklamati mill-attur, xorta jibqa' l-fatt li ma gie minn imkien pruvat li l-istess attur kellu introjtu ta' Lm90 fil-gimgha, ghalkemm l-istess attur wiehed li ser jesebixxi d-dokumenti relattivi u baqa' ma esebixxa xejn minn dan.

Illi dan kollu qed jinghad ukoll fl-isfond tal-affidavit tal-Avukat Dottor Louis Bianchi tat-22 ta' Ottubru 1998, li sostna li kien biss waqt it-trattativi mal-attur li l-istess attur beda jsostni li qed isofri minn ugiegh f'dahru, u wara ipprezentalhom certifikat ta' Dr. Alec Sultana, pero` meta gie mitlub sabiex jigi ezaminat minn Mr. Frederick Zammit Maempel ghan-nom tas-socjeta` assikuratrici tal-konvenut, tant li gie ffissat appuntament fil-24 ta' Jannar 1997, l-attur lanqas biss mar ghall-istess appuntament. Dan apparti li l-attur f'kawza precedenti indikata fl-istess affidavit fl-ismijiet **"Alfred Delia vs Saviour Spiteri et"** (P.A. 5 ta' Ottubru 1994) kien allega li kien qed isofri debilita`

permanenti f'dahru, izda mill-perizja ordnata dan instab li ma kienx minnu.

Illi fl-isfond tal-insenjament bazilari enuncjat u kkonfermat fis-sentenza **"George Falzon vs Connie Camilleri"** (P.A. N.A. 31 ta' Mejju 2000) li *"id-danni reklamati jridu jigu ppruvati permezz ta' l-ahjar prova. Fin-nuqqas ma jigux akkolti u jridu jinkwadraw ruhhom fil-parametri tal-provedimenti ta' l-**Artikolu 1045 tal-Kodici Civili"***, jirrizulta li l-provi prodotti mill-attur ma humiex sufficjenti sabiex jippruvaw li l-allegat ugiegh li l-attur qed jallega li jsofri minnu f'daru kien kawza tal-istess incident, anzi hemm dubji serji fl-opinjoni ta' din il-Qorti, jekk l-attur in verita` kienx isofri qabel jew le minn din il-kundizzjoni minnu allegata, u ghalhekk ma jirrizultax in-*nexus* necessarju bejn dak li allega li sofra l-attur fuq il-persuna tieghu u l-incident *de quo.*

Illi fil-fatt jista' jinghad li l-istess attur halla wisq dubbji jezistu sabiex l-allegazzjonijiet tieghu dwar danni ulterjuri, ghal dawk sofferti fil-karozza tieghu, jigu accettati minn din il-Qorti, b'dan li ma giex sufficjentement ippruvat li l-attur soffra minn xi indebiliment li jwassal lil din il-Qorti ghall-konvinciment rikjest li l-attur ma hadimx ghall-perjodu minnu indikat konsegwenza ta' l-incident in kwistjoni jew li gie b'xi mod ikkurat ghall-griehi jew danni sofferti f'persuntu kawza tal-istess incident.

Illi ghalhekk in vista tal-premess, l-ammont ta' danni li qed jigu likwidati minn din il-Qorti bhala rizultanti mill-incident *de quo* jammontaw biss ghall-Lm60.

## IV. KONKLUZJONI.

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar ir-responsabilita` tal-istess incident, u filwaqt li tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut in kwantu ecceppixxa li d-danni reklamati mill-attur huma esagerati, **tilqa' t-talbiet attrici** limitatament ghal dak hawn indikat b'dan illi:

1. Tiddikjara illi din il-kollizjoni grat tort unikament tal-konvenut minhabba negligenza, imprudenza traskuragini, nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku u non-curanza tal-konvenut.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fil-vettura tieghu fl-ammont ta' sittin lira Maltija (Lm60).

3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut jhallas lill-attur is-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) hekk likwidata in linea ta' danni, skond kif intqal u ghar-ragunijiet premessi.

Illi l-ispejjez, komprizi dawk ta' ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-istess citazzjoni kontra s-socjeta` assikuratrici tal-konvenut jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sal-effettiv pagament kontra l-konvenut.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**22 ta' Jannar 2002.**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**22 ta' Jannar 2002.**